**3 ta' Frar, 1960.**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

**Teresa Cilia**

*versus*

**Vincenzo Drago et.**

**Kjamata fil-Kawża — Art. 959 u 960 tal-Proċedura Ċivili**

*Il-liġi tagħna tirrikonoxxi tant l-istitut tal-intervent volontarju f'kawża kemm dak tal-intervent koatt, ossija tal-kjamata fil-kawża.*

*Għalkemm ġie ħafna drabi deċiż mill-qrati lokali illi din il-kjamata in kawża mhix ammissibbli meta l-interess tal-persuna li għandha tiġi kjamata kien jeżisti mill-bidu tal-proċediment, ġurisprudenza lokali ugwalment awtorevoli affermat li dak il-prinċipju huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna assolutament estranea fil-kawża u ma jkollu ebda nteress fiha; imma jekk il-konvenut inizjali, għalkemm ma jkunx l-uniku nteressat, fil-fatt ikollu nteress fil-kawża, il-proċedura tal-kjamata fil-kawża ta' nteressati oħra mal-konvnut inizjali u oriġinarju, li jkollu nteress, tkun qegħda biss iġġib reintegrazzjoni tal-proċess, u kwindi hija ammessa u sostenibbli.*

Il-Qorti:— Rat ir-rikors tal-attriċi tas-26 ta' Jannar 1960, fejn ġie espost li waqt it-trattazzjoni, u preċiżament mid-depożizzjoni tal-konvenut Roland Micallef, mogħtija fis-seduta tas-26 ta' Jannar tas-sena li miexja, irriżulta li fost il-komproprjetarji tal-fond nru. 56 indikat fl-att taċ-ċitazzjoni hemm, oltre l-konvenuti ċitati, anki t-tfal minuri nati u naxxituri tal-konvenut Salvatore Micallef, ċjoè Brian, Samuel sive Sammy, Rosina, Carmela, Roland u Joseph, li huma lkoll assenti minn dawn il-Gżejjer, u għal-hekk intalbet il-kjamata fil-kawża;

*Omissis;*

**Ikkunsidrat;**

Illi in tema tad-dritt jingħad li l-liġi tagħna, fl-istitut tal-intervent u sejħa ta' persuna f'kawża tirrikonoxxi, oltre l-intervent volontarju, anki l-intervent koatt (ara art. 595 u 960 Kap. 15); liema l-aħħar intervent jista' jiġi ordnat fuq talba ta' waħda mill-partijiet jew "ex officio" mill-Qorti;

Illi l-fondament ta' dan l-istess istitut huwa l-interess tal-persuna li tissejjaħ jew titlob li tintervjeni; u dan l-interess jikkonsisti u jirrisjedi fl-eżitu tal-ġudizzju li l-persuna li tissejjaħ ikollha fih;

Illi huwa minnu li ġie ħafna drabi deċiż minn dawn it-tribunali li l-kjamata in kawża mhix ammissibbli, meta l-interess tal-persuna li għandha tiġi kjamata kien jeżisti mill-bidu tal-proċediment; imma ġurisprudenza lokali altrettantu awtorevoli, bażata fuq studju aktar penetrattiv tal-istess ġurisprudenza relattiva, affermat li dak il-prinċipju li ġie fuq enunċjat huwa sod u veru meta l-konvenut inizjali jkun persuna assolutament estranea u ma jkollu ebda nteress fil-kawża; għar-raġuni loġika li f'każi simili bil-kjamata jkun hemm sostituzzjoni tal-konvenut mill-persuna kjamata, mentri jekk il-konvenut inizjali, għal-kemm ma jkunx l-uniku nteressat, fil-fatt ikollu nteress fil-kawża, l-istess kjamata ta' nteressati oħra mal-konvenut inizjali u oriġinarju, li jkollu nteress, il-proċedura nvokata ma tkunx qegħdha tapporta ebda sostituzzjoni, imma biss reintegrazzjoni tal-proċess, u kwindi l-istess hija permessa u sostenibbli (ara P.A. Ċivili 8 ta' Frar 1936, "Modesta Borg vs. Antonio Delia", Vol. XXIX-II-970! P.A. Ċivili 30 ta' Novembru 1935, "Pulis vs. Ellul", deċiża fil-meritu, imma l-pont tal-kjamata in kawża deċiż fit-2 ta' Mejju 1935 fl-stess kawża (inedita); P.A. Ċivili 8 ta' Lulju 1901. "Bonavia vs. Dr. Ross", Vol. XVIII-II-52; P.A. Ċivili 3 ta' Ottubru 1907. "Pace vs. Scicluna", Vol. XX-II-362, u appell deżert it-18 ta' Diċembru 1920; Kummerċ 21 ta' Jannar 1919, "Zahra vs. Scicluna", Vol. XXIV-III-739). F'liema l-aħħar sentenza l-Imħallef sedenti qal inekwivokament li:— "Quando non si tratti di rinnovare il procedimento, sostituendo alla parte originariamente citata una persona diversa, ma bensì di integrare il procedimento coll'aggiun-

ta di un individuo che si riconosce avere interesse nello stesso, la chiamata in causa si deve ammettere";

Illi kwindi, tant fid-dritt kemm fil-fatt, it-talba hija ġustifikata, u sostenibbli; l-għaliex il-konvenuti oriġinarji jirriżulta li għandhom ukoll interess;

Għalhekk;

Issejjaħ fil-kawża lit-tfal minorenni menzjonati, b'dan li wara l-isem "Ronald Micallef" tiġi aġġunta l-kelma "ġunjori", kif ukoll it-tfal naxxituri ta' Salvatore Micallef, għall-interess li jista' jkollhom; salv li, biex jiġu rappreżentati, issir regolarment il-proċedura tal-bandi, a spejjeż provviżorjament tal-attriċi. Spejjeż riżervati.